MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 904/2009

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**vs**

**Ronald Agius (ID 1044447M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta’ Ottubru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf mija u tlieta u erbghin Euro u tliet centezmi (€1143.03) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta’ Mejju 2010, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf mija u tlieta u erbgjin Euro u tliet centezmi (€1143.03) bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------